# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 16**

**Rikors numru 303/17/1 TA**

**Edwin Caruana**

**v.**

**Air Malta plc (C-2685)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Edwin Caruana ppreżentat minnu fis-6 ta' April, 2017, li permezz tiegħu talab:

> "1. Illi huwa mpjegat tas-soċjeta' ntimata Air Malta plc bl-istaff no. 617.
>
> 2. Illi fit-3 ta' Ottubru 2006 huwa ngħata "*appointment*" għall-perjodu ta' tlett snin bħala "*Country Manager Italy*" (Dok A), u fost il-kundizzjonijiet ta' l- "*appointment*" hemm:

*"You should continue to pay your Malta tax and National Insurance contributions due on your Malta basic salary. The amount of the remuneration package paid overseas is net of any taxes and any taxes social contributions and other related taxes paid in your country of posting will be refunded by the Company."*

3. Ulterjorament, ir-rikorrent kien anke ntitolat għal "*Performance Related Pay*" kif stipulat fil-paragrafu 4 ta' dokument A anness mal-*letter of appointment.*

4. Illi fit-12 ta' Awwissu 2009 huwa ġie mgħarraf illi l-kuntratt għall-post ta' "*Country Manager Italy"* kien qed jiġġedded għall-perjodu ieħor ta' tlett snin, sal-24 ta' Settembru 2012, taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet hemmhekk stipulati (Dok B).

5. Illi l-istess *appointment* reġa' ġie mġedded għall-perjodu ieħor ta' sena b'ittra tat-22 ta' Novembru 2012 (Dok C), u sena wara, fil- 11 ta' Diċembru 2013, sar *addendum* għall-kuntratt oriġinali u estensjoni ulterjuri sal-31 ta' Diċembru 2015 (Dok D).

6. Illi kif ser jirriżulta fil-kors ta' din il-kawża, ir-rikorrent tħallas Il-"*Performance Related Pay*" għall-ewwel sentejn tal-post Illu mogħti, ossia għall-perjodu Settembru 2006 Marzu 2007 u April 2007 Marzu 2008, Iżda għal perjodu April 2008 Marzu 2009, April 2010 - Marzu 2011, April 2011 Marzu 2012, April 2013 Marzu 2014 u April 2014 Marzu 2015, April 2015 Diċembru 2015 ma tħallasx, anke jekk għall-perjodi fil-frattemp, ossia April 2009 Marzu 2010 u April 2012 Marzu 2013, huwa tħallas l-imsemmija "*Performance Related Pay*".

7. Illi għall-perjodu April 2012 Marzu 2013, Il-mittent tħallas f'Malta flok fl-Italja, b'dan pero' illi tnaqqset it-taxxa mid-dħul tiegħu u kwindi ma rċeviex dak dovut "*net of tax*" kif stipulat fil-kuntratt tiegħu mas-soċjeta' intimata u b'hekk sofra tnaqqis inġust ta' elf sitt mija u ħmistax-il Ewro (€1615), s-soċjeta' intimata trid tikkumpensaħ tagħhom.

8. Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex taffettwa l-ħlas, dan baqa' ma sarx.

9. Illi fi Frar 2014, twaqqaf *Grievance Unit* mill-kumpanija Intimata u r-rikorrent ressaq l-ilment tiegħu (Dok E), u l-istess *Grievance Unit* iddeċieda l-pendenza b'ittra tad-19 ta' Settembru 2016 (Dok F) u ddeċieda iIli:

*"Il-Unit wara li ra d-dokumenti, u wara li sema x-xhieda jikkonkludi u jirrakkomanda lil Manigment tal-Kumpanija sabiex jagħmel il-verifiki tiegħu dwar dan l-ilment sabiex ma jkunx hemm anomaliji."*

B'hekk ġie anke rikonoxxut illi hemm *"anomaliji".*

10. Illi sussegwentement għal din id-deċiżjoni, is-soċjeta' intimata bagħtet għar-rikorrent f'Diċembru 2016 (Dok G) sabiex tiġi diskussa dak li ssejjaħ "l-*Grievance Compensation*" u b'mod inaspettat, is-soċjeta' intimata offriet il-ħlas ta' elf sitt mija u ħmistax-il Ewro (€1615) sabiex tikkumpensa għat-taxxa mnaqqsa għall-perjodu April 2012-Marzu 2013 (vide premessa 6), u dan offrietu għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-mittenti, liema offerta l-esponent ma aċċettax (Dok H).

11. Illi interpellata sabiex taderixxi ruħa mal-konklużjonijiet ta' *Grievance Unit* u ukoll tikkumpensa lill-mittent dak kollu dovut lilu al termini tal-kuntratti tax-xogħol tiegħu, inkluż permezz ta' Ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar 2017, Is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti - u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn premessi, din l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba sabiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

a) tiddikjara illi s-soċjeta' intimata għandha tħallas lir-rikorrent, al termini tal-kuntratt bejn il-kontendenti kif hawn fuq premess, Il-"*Performance Related Pay*" għas-snin April 2008 Marzu 2009, April 2010 Marzu 2011, April 2011 Marzu 2012, April 2013 - Marzu 2014, April 2014 Marzu 2015 u April 2015 - Diċembru 2015 u kif ukoll it-taxxa mnaqqsa nġustament għall-perjodu April 2012 Marzu 2013 fl-ammont dan ta' l-aħħar ta' elf sitt mija u ħmistax-il Ewro (€1615).

b) tillikwida, jekk hemm bżonn okkorrendo l-ħatra ta' Perit Komputista, l-ammont dovut lir-rikorrent in linea ta' "*Performance Related Pay*" al termini tal-ewwel talba.

c) tikkundanna lis-soċjeta' Intimata tħallas l-ammont hekk likwidat al termini tat-tieni talba oltre' s-somma ta' elf sitt mija u ħmistax-il Ewro (€1615) mitluba fl-ewwel talba lir-rikorrent.

Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar 2017 u bl-imgħax skond il-liġi.''

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fis-27 ta' April, 2017, li permezz tagħha ġie eċċepit:

"1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi a tenur l-Artikolu 2156(d) u l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

2. Illi fil-mertu u bla ebda ħsara għall-premess, l-azzjoni attriċi għandha tiġi respinta, billi s-soċjeta' eċċipjenti m'għandha tagħti xejn lill-attur dwar dak reklamat minnu f'din il-kawża.

3. Illi t-talbiet tal-attur huma pjenament infondati fil-fatt u fid-dritt billi kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, ebda ħlas, la dak ta' performance related pay u lanqas xi forma ta' ħlas ieħor imsemmi fl-att promotur, ma hu dovut lill-attur mis-soċjeta' eċċipjenti. Għalhekk l-ammont reklamat f'din il-kawża la hu ġustifikat u lanqas dovut.

Salvi eċċezzjonijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-attur''.

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Diċembru, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetá Intimata;

Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi s-soċjetá Intimata għandha tħallas lir-Rikorrent, ai termini tal-ittri ta' ħatra datati 3 ta' Ottubru 2006, 12 ta' Awwissu 2009 u 3 ta' Ottubru 2006 għas-snin ta' ħidma April 2008 sa Marzu 2009, April 2010 sa Marzu 2011, April 2011 sa Marzu 2012, April 2013 sa Marzu 2014, April 2014 sa Marzu 2015 u April 2015 sa Diċembru 2015 u kif ukoll it-taxxa mnaqqsa nġustament għall-perjodu April 2012 sa Marzu 2013 fl-ammont dan ta' l-aħħar ta' elf sitt mija u ħmistax -il Ewro.

Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-ammont dovut lir-Rikorrent in linea ta' "Performance Related Pay" ai termini tal-ewwel talba fl-ammont ta' erbgħin elf, mija u tmien u punt ħamsa u ħamsin ewro (€40,108.55).

Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-Soċjetá konvenuta tħallas l-ammont ta' erbgħin elf, mija u tmienja, punt ħamsa u ħamsin ewro (€40,108.55) oltre s-somma ta' elf sitt mija u ħmistax-il Ewro (€1,615) mitluba fl-ewwel talba lir-Rikorrent.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar 2017 u bl-imgħax skont il-liġi li jibda jiddekori mid-data ta' din is-sentenza, jitħallsu mis-soċjetá Intimata."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"<u>Punti ta' fatti</u>

Permezz ta' Ittra datata 3 ta' Ottubru 2006 iffirmata mic-*Chief Officer HR & Corporate Services* (a' fol 6), l-Attur ġie maħtur b'effett mill-25 ta' Settembru 2006 bħala "Country Manager Italy" taħt il-

kundizzjonijiet hemm imniżżla. Dawn il-kundizzjonijiet ġew debitament aċċettati mill-Attur hekk kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ffirmata minnu fl-ittra msemmija (a' fol 7).

Skont l-istess ittra, l-ħatra tal-attur kellha tibqa valida sal-24 ta' Settembru 2009. Madanakollu b'ittra datata 12 ta' Awwissu 2009, din ġiet estiża għal-perjodu ieħor ta' tlett snin li kellu jintemm fl-24 ta' Settembru 2012. Dan taħt l-istess kundizzjonijiet tal-ittra datata 3 ta' Ottubru 2006 b'eċċezzjoni għal klawżoli hemm imsemmija (ara fol 12). B'ittra datata 22 ta' Novembru 2012, din il-ħatra reġgħet ġiet estiża għal perjodu ieħor ta' sena li kellu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 taħt l-istess kondizzjonijiet (ara fol 15). B'ittra oħra datata 11 ta' Diċembru 2013, din il-ħatra ġiet għal darb'oħra estiża sal-31 ta' Diċembru 2015 taħt l-istess kondizzjonijiet ħlief għall-bidliet hemm imniżżla (ara fol 16).

B'ittra uffiċjali preżentata fit-2 ta' Frar 2017 (a' fol 26), l-Attur interpella lis-soċjetá Konvenuta sabiex fi żmien ġimgħa tħallsu l-arretrati tal-Performance Related Pay li huwa intitolat għalih "għal diversi perjodi matul il-ħajja lavorattiva tiegħu".

Fis-6 ta' April 2017, l-Attur istitwixxa din l-azzjoni. Biha qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li s-soċjetá konvenuta għandha, skont il-kundizzjonijiet imniżżla fl-ittra ta' ħatra tat-3 ta' Ottubru 2006 kif hekk estiża, tħallas lill-Attur is-segwenti:

1. "*Performance Related Pay*" għal dawn is-snin:

a. April 2008 sa Marzu 2009;

b. April 2010 sa Marzu 2011;

c. April 2011 sa Marzu 2012;

d. April 2013 sa Marzu 2014;

e. April 2014 sa Marzu 2015;

f. April 2015 sa Diċembru 2015; u

2. It-taxxa mnaqqsa nġustament għall-perjodu April 2012 sa Marzu 2013 fl-ammont ta' €1,615.

Il-Performance Related Pay għas-sena April 2008 sa Marzu 2009 huwa regolat skont l-ittra ta' ħatra datata 3 ta' Ottubru 2006 (a' fol 6). Din kienet tistipula li "... *In addition a performance bonus ranging between LM0 and LM3,500 may be paid out and will depend on the attainment of specific key performance targets identified on*

*appointment. You are required together with the General Manager Sales & E-Commerce to develop key performance indicators (KPIs) on an annual basis relevant to your position. A signed copy of the key performance indicators are to be sent to the General Manager Human Resources.*"

*Il-klawżola 4.0 intitolata Performance Related Pay inkluża fl-istess ittra bħala Dokument A tistipula kif ġej:*

> *"In addition to the salary, bonuses and allowances referred to above the Country Manager shall be eligible to an annual performance bonus as highlighted below*

| | | |
|---|---|---|
| *Below 90%* | *attainment of targets* | *LM0* |
| *90% to 94%* | *attainment of targets* | *LM,xxx* |
| *95% to 99%* | *attainment of targets* | *LMxxx* |
| *100% to 104%* | *attainment of targets* | *LMxxx* |
| *105% to 109%* | *attainment of targets* | *LMxxx* |
| *110% and above* | *attainment of targets* | *LMxxx* |

> *The Company shall pay the performance bonus in accordance with the following provisions:*

- *At the commencement of the contract, the General Manager Sales & E-Commerce, together with the Country Manager shall establish the Key Performance Indicators for the outstation. Should these results be achieved in line with the table above the Company shall pay the Country Manager the respective performance bonus.*
- *The performance bonus will be paid within thirty (30) days of the Chief Executive Officer's approval." (sottolinear tal-Qorti).*

Il-performance related pay għas-snin April 2010 sa Marzu 2011, April 2011 sa Marzu 2012 huwa regolat skont l-ittra ta' ħatra datata 12 ta' Awwissu 2009 (a' fol 12). Din l-ittra estendiet l-ittra ta' ħatra tal-Attur datata 3 ta' Ottubru 2006 taħt l-istess termini u kondizzjonijiet ħlief għal klawżoli li għandhom x'jaqsmu mal-istess performance related pay. Il-klawżoli hekk mibdula baqgħu l-istess ħlief għall-ammonti li ġew konvertiti fil-munita Ewro kif ġej:

> *"... In addition a performance bonus ranging between €0 and €9,304 may be paid out and will depend on the attainment of specific key performacne targets identified on appointment. You are required together with the General Manager Sales & E-Commerce to develop key performance indicators (KPIs) on an annual basis relevant to your position. A signed copy of the key performance indicators are to be sent to the General Manager Human Resources."*

Il-klawżola 4.0 intitolata Performance Related Pay inkluża fl-istess ittra bħala Dokument A tistipula kif ġej:

"*In addition to the salary, bonuses and allowances referred to above the Country Manager <u>shall</u> be eligible to an annual performance bonus as highlighted below:*

| | | |
|---|---|---|
| *Below 90%* | *attainment of targets* | *€0* |
| *90% to 94%* | *attainment of targets* | *€4,652* |
| *95% to 99%* | *attainment of targets* | *€5,807* |
| *100% to 104%* | *attainment of targets* | *€6,978* |
| *105% to 109%* | *attainment of targets* | *€8,136* |
| *110% and above* | *attainment of targets* | *€9,304* |

*The Company shall pay the performance bonus in accordance with the following provisions:*

- *At the commencement of the contract, the General Manager Sales & E-Commerce, together with the Country Manager shall establish the Key Performance Indicators for the outstation. <u>Should these results be achieved in line with the table above the Company shall pay the Country Manager the respective performance bonus</u>*

- *The performance bonus will be paid within thirty (30) days of the Chief Executive Officer's approval."* (sottolinear tal-Qorti).

Bl-ittra ta' estensjoni tal-ħatra tal-Attur datata 11 ta' Diċembru 2013 (a' fol 16), dawn il-klawżoli pertinenti għal performance related pay baqgħu "*in full force and effect*". Għaldaqstant japplikaw l-istess klawżoli tal-performance related pay għas-snin April 2013 sa Marzu 2014, April 2014 sa Marzu 2015 u April 2015 sa Diċembru 2015.

Huwa inkontestat li kull impjegat tas-Soċjetá Konvenuta, u mhux biss l-Attur, ma tħallasx il-performance bonus għal dawn is-snin (ara xhieda Roberto Cristiano, Chief Officer People and Performance Air Malta, a' fol 52 faċċata 2, 53, 230 u 278).

Huwa wkoll inkontestat li, għal dawn is-snin is-Soċjetá konvenuta lanqas biss stabbilit il-Key Performance Indicators (KPIs), hekk kif kien doveruż fuqha skont l-istess kuntratt. Konsegwentement l-istess Soċjetá konvenuta lanqas ma setgħet teżegwixxi l-evalwazzjoni meħtieġa biex tara l-KPIs intlaħqux u jekk il-bonus hux ħa jitħallas (ara k/eżami Joshua Zammit a' fol 333).

Ai fini ta' kompletezza jingħad li fit-28 ta' Frar 2014, l-Attur kien ressaq ilment (a' fol 83) għal dan il-ħlas quddiem il-"Grievance Unit" (Unit

għall-Investigazzjoni ta' Talbiet dwar Inġustizzji – ara termini ta' referenza a' fol 236, ċirkulari uffiċċju tal-Prim Ministru Nru 4/2014 a' fol 238 u 20/2014 a' fol 242 kif ukoll memorandum a' fol 241, 245 u 246). Permezz ta' ittra datata 19 ta' Settembru 2016 il-Grievance Unit ikkonsidra dan l-ilment bid-deċiżjoni li "*jikkonkludi u jirakkomanda lil maniġment tal-kumpanija sabiex jagħmel il-verifiki tiegħu dwar dan l-ilment sabiex ma jkunx hemm anomaliji.*" (ara fol 247)

In segwitu għal din id-deċiżjoni, intbgħatet ittra datata 27 ta' Diċembru 2016 minn Roberto Cristiano, Chief Officer Human Resources, lill-Attur sabiex jattendi għal-laqgħa miegħu fit-13 ta' Jannar 2017 fil-11am "*to discuss your Grievance Compensation*." (ara fol 81).

Jidher li f'din il-laqgħa s-Soċjetá konvenuta offriet biss li tħallas lill-Attur t-taxxa mnaqqsa nġustament għall-perjodu April 2012 sa Marzu 2013 fl-ammont ta' €1,615. Dan taħt kundizzjoni li jċedi t-talba tiegħu għal-ħlas tal-performance related pay. Din l-offerta ma ġietx aċċettata mill-Attur (ara ittra datata 17 ta' Jannar 2017 a' fol 24, xhieda Roberto Cristiano a' fol 57, k/eżami Attur a' fol 312 D)

Punti ta' Liġi

Ma hemmx dubju li l-azzjoni odjerna hija waħda *ex contractu* bbażata fuq esekuzzjoni ta' obbligazzjoni kuntrattwali bilaterali emerġenti mill-kondizzjonijiet stipulati fl-ittra ta' ħatra tal-Attur datata 3 ta' Ottubru 2006. Din l-ittra ġiet estiża bl-ittri ta' ħatra datati 12 ta' Awwissu 2009, 22 ta' Novembru 2012 u 11 ta' Diċembru 2013.

Kif ġie kemm il-darba ritenut, *"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal- kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda"*. (A.C. 5 ta` Ottubru, 1998 - "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"). (General Cleaners Co. Ltd vs Accountant General et, Qorti Civili Prim' Awla, 29 ta` Novembru 2001).

Fis-sentenza Joanna Azzopardi vs Mapfre MSV Life plc datata 10 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (per Maġistrat Rachel Montebello) tagħmel espożizzjoni ġuridika korretta ta' dan il-prinċipju kif ġej:

> *"Il-principju ta' pacta sunt servanda huwa kuncett universali li jitqies mhux biss bhala karatterisika kardinali tal-ligi kontrattwali, izda wkoll bhala principju fondamentali li jirregola l-ordni legali internazzjonali tant illi jinsab assodat fis-sistemi legali kollha u gie kodifikat ukoll fil-ligi internazzjonali fl-Artikolu 26 tal-Vienna Convention on the Law of Treaties (Artikolu 26: "Pacta Sunt Servanda": Every treaty in force is binding upon the parties to it and must be performed by them in good faith.).*

*Fis-sistema guridika Maltija, dan il-kuncett huwa inkorporat fl-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, li jghid hekk:*

> *(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom. (Ratifikat 23 ta' Mejju 1969.)*
>
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi. Il-principji regolanti in materja, li gew konsistentement enuncjati u ribaditi mill-Qrati taghna, huma s-segwenti, kif imfissrin u elenkati elokwentement mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) is-sentenza taghha fl-ismijiet Mark Bugeja et vs Geoffrey Camilleri' (deciza nhar id-29 ta' Marzu 2012):-*

*"i) "F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili 'Carmelo Bajada noe vs Fr. S. Cachia et noe' (A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973)*

*ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p27) fejn inghad li "l-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".*

*iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. … Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun, jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien ("J. Bartolo et vs A. Petroni' deciza 7 ta' Ottubru 1997").*

*iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni, mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot ('J. Zammit vs Michael Zammit Tabone et noe' – Appell Superjuri deciz 28 ta'Frar 1997)."*

*Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza 'Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et' (P.A. (RCP) –28 ta' Gunju 2006) fis-sens "li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – 'Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines')."*

*Illi hekk ukoll fis-sentenza 'Gemma Fenech vs John Bugeja' (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:*

*"Tajjeb li jigi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-dicitura tal-kuntratt hija wahda cara allura ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16". ...*

*Hawnhekk ikun opportun ukoll illi ssir referenza ghall-principju tal-buona fede, invokat mid-difensur tal-attrici waqt it-trattazzjoni, li huwa kuncett li jsib il-fondament tieghu fil-principji ta' gustizzja, ragjonevolezza u onesta` u bhall-principju ta' pacta sunt servanda, jikkostitwixxi wkoll principju kardinali tal-ligi kontrattwali. Dan ghaliex il-kuncett tal-buona fede jehtieg illi t-termini kontrattwali li jkunu gew pattwiti bejn il-partijiet, jigu rispettati u onorati. Dan il-kuncett huwa inkorporat fl-Artikolu 993 tal-Kodici Civili li jistipola hekk:-*

*"993. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*

*Il-Qorti tifhem ukoll li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta' ekwita`. Izda, ghalkemm id-difensur tal-attrici invoka dan il-kuncett tal-ekwita` bhala konsiderazzjoni fl-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-patt kontrattwali bejn il-partijiet kontraenti, il-Qorti ma tqisx illi dan il-principju jifforma parti mis-sistema legali taghha tant li jista' jservi sabiex inaqqax sostanzjalment fuq l-importanza tal-principju bazilari tal-pacta sunt servanda. Huwa minnu illi konsiderazzjonijiet dwar ekwita` jistghu jassumu certu relevanza fil-kuntest tal-ligi kontrattwali f'kaz li jigi riskonstrat da parti ta' wahda mill-partijiet kontraenti, komportament sproporzjonat li jmur kontra n-normi stabbiliti tas-socjeta` u tal-logika guridika, izda dan il-principju s'issa jidher li sab favur, ghad limitat, biss fil-kuntest ta' klawsoli bil-penali, ghaliex il-konsiderazzjoni suprema hija illi galadarba l-partijiet kontraenti jkunu kkontrattaw liberament it-termini tal-kuntratt, dawk it-termini u kundizzjonijiet ghandhom jigu rispettati. Il-korollarju ta' dan, fil-fehma tal-Qorti, huwa li dawn it-termini u kundizzjonijiet pattwiti mhux facilment jistghu jigu meqjusa li huma ingusti jew irragjonevoli."*

Konsiderazzjonijiet

Bl-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha s-soċjetá Konvenuta tissolleva l-estinzjoni tal-azzjoni tal-attur bis-saħħa tal-preskrizzjonijiet partikolari taħt is-sub-inċiżi (d) u (f) tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili.

In propositu l-Attur jissottometti li l-preskrizzjoni m'għandhiex effett ladarba l-Konvenut ma tax il-ġurament (magħruf aħjar bħala l-ġuramento decisorio) skont kif tassativament mitlub minnu ex lege taħt l-artikolu 2160 tal-istess Kap (ara nota a' fol 380).

Din il-Qorti ġia kellha l-okkażjoni teżamina dan l-artikolu kif emendat bl-Att 1 tal-2017 u bl-Att XIII tal-2017 fis-sentenza P & S Limited et vs Noel Zammit et tas-16 ta' Frar 2018, kif ġej:

*"L-emendi ricenti ghall-artiklu 2160 tal-Kodici Civili bidlu parti mix-xenarju sa fejn jirrigwarda l-preskrizzjonijiet qosra jew partikulari.*

*Qabel l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi l-posizzjoni kienet li "Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista` jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B` dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur" (ara "Vincenzo Vella -vs- Carmela armla Sciberras", Qorti Civili, Prim` Awla, 16 ta` Jannar 1963 u "Salvatore Jacono -vs-Vincenza vedova Serra", Appell Civili, 4 ta` Frar 1927).*

*12. Din ix-xorta ta' duttrina illum ma jidhirx li ghadha applikabbli sa fejn jirrigwarda l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili kif emendat. Dak li kien gurament decizorju, illum, mhux bil-fors baqa' decizorju. Jista' jkun li gie rez fi prova bhal kull prova ohra insostenn jew in kontradittorju tal-pretensjoni fil-kawza.*

*13. Fl-ewwel lok, fejn qabel kien ikun il-kreditur li jirreferi l-gurament decizorju lid-debitur konvenut fil-kawza, is-sitwazzjoni llum hi, li galadarba eccepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jheddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur (ara artiklu 2160(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-figura passiva tieghu fil-ligi kif kienet qabel, giet sa certu punt, trasformata f'wahda attiva bil-ligi kif inhi llum. L-unika differenza li tezisti llum fl-artikolu in kwisjtoni, hija dik bejn djun ordinarji u dawk dovuti lill-Gvern kif imsemmija fil-proviso tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Fil-kaz ta' debiti imsemmija fil-proviso, id-debitur irid jaghti r-ragunijiet ghalfejn ma ghandux ihallas, mentri f'debiti ohrajn din il-kwalifika ma hiex mehtiega, anke, kif ser jinghad, il-kontro-ezami tad-debitur xorta jista' jsir.*

*14. Fit-tieni lok, kuntrarjament ghal kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-emendi, illum, infetah bieb li minnu dahlet l-opportunita' ghall-Attur biex ikun jista' jaghmel il-kontro-ezami lill-Konvenut, bil-beneficcji kollha li tista' ggib maghha l-procedura tal-kontro-ezami. Qabel l-emendi tal-2017 il-posizzjoni kienet ghal kollox differenti. Il-posizzjoni kif kienet qabel hija kjarament spjegata fis-Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef J. Caruana Colombo fl-ismijiet Vincenzo Vella -vs-Carmela Sciberras tas-16 ta' Jannar 1963 fejn intqal hekk:-*

> *" ... … imma jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, dan ifisser illi hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-eccezzjoni eccepita u li ma kienx hemm ebda interruzzjoni jew sospensjoni taghha u jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz ikun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur. U malli jahlef skont il-ligi, fuq talba tal-kreditur, il-mezz ta' difiza, konsistenti fil-preskrizzjoni, isir perfett."*

*15. Jista' jkun il-kaz li llum, certu preskrizzjonijiet brevi u partikulari, ma baqghux effikaci proceduralment daqs kemm kienu qabel l-emendi. Ghalkemm huwa minnu li l-Istitut tal-preskrizzjoni dejjem holoq kontroversja morali u etika ghax il-prova tkun qed tigi rimessa lill-"foro conscientiae" tal-individwu. Izda minn naha l-ohra, huwa ukoll principju importanti, li min jippretendi li ghandu dritt, jrid jiehu kura tieghu billi jezercitah fi zmien ragjonevoli. It-termini ta' zmien fil-procedura, huma mahsuba li jaffermaw ic-certezza tad-dritt mhux biss*

> *ghall-kreditur izda ukoll ghad-debitur, altrimenti dan tal-ahhar jista' jibqa' indefinittivament passibbli ghall-proceduri, haga li ma hiex konsentita mil-ligi naturali. Il-ligi thares lejn il-moghdija ta' zmien, skont ic-cirkostanzi tal-kaz, bhala fattur naturali li jgib fix-xejn l-ezercizzju tad-dritt bl-akkwizizzjoni tieghu mit-terz jew l-estinzjoni tieghu.*
>
> *16. Ghalhekk, din il-Qorti trid tara, jekk fid-dawl tal-emendi ricenti ghall-artiklu 2160 tal-Kodici Civili, il-Konvenuti irnexxilhomx jibbenifikaw mill-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnhom moghtija. Hekk kif il-Konvenuti eccipew il-preskrizzjoni estintiva taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili, il-Qorti kellha bilfors tindaga jekk konsegwentement issodisfawx il-vot tal-ligi taht artiklu 2160 tal-Kodici Civili biex ikun jista' jinghad, jekk il-Konvenuti hasdux il-beneficcju ta' dawn il-preskrizzjonijiet partikulari."*

Fin-nota tagħha s-Soċjetá konvenuta ssottemiet li "*mhux biss hemm il-ġurament tad-debitur fir-risposta ġuramentata li m'hemm xejn dovut għal fini ta' preskrizzjoni* [ara f'dan ir-rigward eċċezzjoni 3 a' fol 33*], iżda eventwalment, in-negazzjoni li hemm somom dovuti ġiet ukoll imtennija minn uffiċjali tal-kumpannija* ... [fejn ġie minnhom] *indikat ukoll ir-raġunijiet għaliex qiegħda tqis lilha nnifisha li m'hijiex debitriċi tar-rikorrent f'iżjed minn kuntest wieħed; ossija l-istat finanzjarju tal-kumpannija u l-policy tal-kumpannija in vigore fil-perjodu kkonċernat* [ara f'dan ir-rigward xhieda kwotata fin-nota a' fol 399 paragrafi 64 sa 67]." (fol 399 para 64 u 68)

Biex tkun f'qagħda li tqis jekk b'dan il-mod is-Soċjetá konvenuta ssodisfatx id-dettami tal-artikolu 2160, il-Qorti trid bilfors tikkonsidra r-raġuni mogħtija minnha in sostenn tan-negazzjoni tal-kreditu reklamat mill-Attur. Artikolu 2160(3) jagħmilha ċara li d-debitur irid tagħti raġunijiet tajbin għaliex iqis lilu nnifsu li ma hux debitur. Dan ir-rekwiżit żgur mhux ħtieġa kosmetika, iżda jimporta asserzjonijiet ta' sustanza li għandhom ikunu eżaminati u meqjusa mill-Qorti biex dan l-eżami huwa meħtieġ biex tasal għall-konklużjoni jekk il-persuna tiksibx b'suċċess l-eżoneru mill-ħlas bl-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni brevi. La r-raġuni trid tkun, bil-fors tajba ifisser li ma tistax tkun raġuni, tkun xi tkun. Trid tkun tajba. Il-Qorti temmen, li l-emendi reċenti tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili ġabu aktar ħsara u preġudizzju, għaliex biddlu ta' taħt fuq in-natura tal-preskrizzjonijiet brevi u tal-ġurament deċiżorju.

Ir-raġuni mogħtija mis-Soċjetá Konvenuta, hija li s-soċjetá Konvenuta mxiet fuq *Performance Management Policy* li għadha s'issa fis-seħħ, kif deċiża/maħruġa/approvata mill-Bord tad-Diretturi <u>fis-sena 2012,</u> li ma jingħatax performance bonus meta l-kumpanija tkun qed topera b'telf (ara xhieda Roberto Cristiano a' fol 52 faċċata 2, 53, 55, 230; xhieda Omar Bonello a' fol 319 et seq, xhieda Joshua Zammit a' fol 337).

Din il-policy ġiet spjegata mix-xhud Joshua Zammit. Huwa jgħid li fiż-żmien li dam impjegat bħala eks Chief Officer Organisational

Development mas-soċjetá Konvenuta minn Jannar tas-sena 2012 sa Ġunju tas-sena 2013, huwa ħadem biex tiġi implimentata sistema ta' *performance management system* ġdida fir-rigward ta' kif tinħadem il-performance bonus. Din is-sistema "*kienet ibbażata fuq il-performance tal-kumpanija u fuq il-performance tal-individwu. Kien hemm sensila ta' kriterji illi riedu jintlaħqu, b'sensila ta' affarijiet li jridu jsiru wara xulxin. Imbagħad kien hemm il-mod ta' kif jiġu kkalkulati u l-formulas ta' kif jiġu kkalkulati l-bonuses rispettivi. Kollox kien jiddependi però fuq kemm, kif sejra l-kumpanija....L-ewwel ħaġa, il-kumpanija riedet tilħaq it-targets tagħha. Jekk dawk it-targets ma jintlaħqux, ma jitħallas l-ebda performance bonus. Jekk dawk it-targets jintlaħqu, imbagħad kien hemm persentaġġ tal-performance bonus li kienu jiġu mħallsa*" (fol 334)

<u>Jirriżulta inkontestat li din is-sistema ma ġietx riflessa fil-kuntratt (ibid. fol 335 u 336).</u> Skont l-istess xhud Joshua Zammit dan il-fatt ma jagħmilx din is-sistema inapplikabbli. Dan għaliex skontu din ma tmurx kontra l-klawżoli stipulati fil-kuntratt. Dejjem skont is-Sur Joshua zammit, "*F'dak il-kuntratt, huwa mniżżel illi Mr Caruana huwa intitolat għal performance bonus. Huwa mniżżel ukoll illi hemm sett ta' KPI's li jridu jintlaħqu jew hemm sett ta' targets, il-kliem eżatt, li jridu jintlaħqu biex jitħallas dak il-performance bonus u jieqaf hemmhekk. Issa minn dak il-punt 'il quddiem, x'inhuma dawk it-targets, huwa l-policy tal-kumpanija. Hemmhekk ma għandekx policy li qed tmur kontra l-kuntratt. Anzi għandek policy li qed tgħin il-kuntratt.*".

Bħala prova ta' din il-policy, wara li kopja tagħha ġiet mitluba mil-legali tal-Attur (ara fol 58), ġew preżentati minuti ta' laqgħa tal-Bord tad-Diretturi li saret fit-22 ta' Settembru 2016 (a' fol 234). Fihom hemm referenza għal *"previous decisions that given the situation of the Company, bonuses were not due and CEO [Joe Galea] is to clear this matter with COHR [Roberto Cristiano]"* u li *"the Company could not justify the payment of any bonus in a Company which was losing big sums of money. A discussion ensued on bonuses ... The Board instructed Management to stick to a past decision and not pay the bonus.*"

Ġew preżentati wkoll tlett powerpoint presentations (PPTs), l-ewwel waħda datata 12 ta' Diċembru 2013 u l-oħrajn bla data (Dok AM 4 a' fol 353 u Dok AM 5 a' fol 355 u Dok AM 6 a' fol 360).

Fl-ewwel PPT hemm dikjarat li, bħala "*Principles adopted for FY2013 scheme...Bonus payments are based on Company and Individual performance...50% corporate and 50% personal objectives*". Fl-istess PPT hemm spjegat permezz ta' Tabella li, għal dik is-sena finanzjarja April 2012 sa Marzu 2013, il-livell ta' prestazzjoni ġenerali tal-kumpanija kien akbar minn 92% u għalhekk l-impjegati eliġibbli kkwalifikaw għal bonus: "*Gate 1 – All company KPIs > 92% Gate 2 – Each KPI to reach 92%. If 1 KPI not at 92% all others at 100% Gate 3 – Employee qualifies – work out Bonus*".

Fit-tieni PPT, a' fol 359, ġew imfissra l-'*Bonus Gates'* kif ġej:

> *"Gate 1: To qualify for a bonus overall Company performacne level has to reach or exceed the 92% level.*
>
> ▪ *Company overall has to reach 92%*
>
> *Gate 2: If overall level is reached proceed to calculate line by line*
>
> ▪ *Each KPI has to reach or exceed 92% level to contribute to payout*
>
> ▪ *If 92% level not reached on one KPI all other KPIs have to be 100% met or above to contribute to payout*
>
> ▪ *Achievement upper limit on KPI is capped at 120%*
>
> *Individual component is only paid out if Company performance hits or exceeds 92%".*

It-tielet PPT tidher li hija "update" tat-tieni PPT. Fiha ġie replikat dak ġia dikjarat fit-tieni PPT.

Id-diverġenza li nħolqot hija jekk din il-policy/deċiżjoni ġietx komunikata lill-Attur. Ix-xhud Roberto Cristiano jikkonferma diversi drabi li din ma ġietx hekk komunikata iżda l-Attur sar jaf biha verbalment:

> *"Dr. Ian Spiteri Bailey: Din id-deċiżjoni qatt ġiet ikkommunikata lill-partijiet. F'dal każ is-Sur Caruana? Xhud Not that I know of to be...*
>
> *Dr. Ian Spiteri Bailey: ara naqblux illi inti qatt ma għidtlu lis-Sur Caruana li hemm xi deċiżjoni tal-Bord tad-Diretturi li ġialadarba l-kumpanija għaddejja b'losses mhux se jitħallsu performance bonuses?*
>
> *Xhud: Le semmejtlu.*
>
> *Dr. Ian Spiteri Bailey: Qatt m'għedtulu dad-diskors?*
>
> *Xhud: Le definitely li semmejtha għax anke fi training illi tajt jiena fil-performance process, kont semmejtha wkoll." (fol 52 faċċata 2 u 53; ara wkoll xhieda fol 229/2:*
>
> *"Dr. Ian Spiteri Bailey: ...Jekk jogħġbok din id-deċiżjoni ġiet komunikata lil dawk il-ħaddiema li bil-kuntratt tagħhom kienu intitolati Xhud: Le*
>
> *Dr. Ian Spiteri Bailey: Skużi? Xhud: Le ma ġietx.")*

Fix-xhieda tiegħu, Joshua Zammit wera l-fehma ġenerali li "*Sa fejn naf jiena, kwalunkwe ħaġa li konna qegħdin nagħmlu fejn jidħlu affarijiet li*

*jolqtu l-ħaddiema, dejjem konna ninfurmawhom. Issa hekk kinetx tkun permezz ta' ittra jew inkella, permezz ta' meeting, imma b'xi mod kienu jiġu infurmati."* (xhieda fol 340).

Ix-xhud Omar Bonello, wkoll impjegat mas-Soċjetá konvenuta bħala Chief Financial Officer, ikkontradixxa x-xhieda ta' Roberto Cristiano billi sostna li din il-policy hija magħrufa minn kullħadd, inkluż l-impjegati, għaliex ġiet komunikata lilhom permezz ta' korrispondenza bil-miktub (ara fol 324).

Sussegwentement għal din ix-xhieda, s-Soċjetá konvenuta produċiet ittra mhux iffirmata, indirizzata lill-Attur mingħajr indikazzjoni tal-indirizz tiegħu u datata 26 ta' April 2012, f'isem ċertu Joshua Zammit Chief Officer Organisation Development (ara fol 62 jew 328). F'din l-ittra, intitolata Performance Bonus 2009/2010, hemm dikjarat is-segwenti:

> "*Further to our discussions I can now confirm that your performance bonus of €8,720, as per your contract of employment, for the year 2009-10 have now been approved and will be paid in the April 2102 [recte 2012] salary payment. This relates to the achievement of your personal KPIs for that year.*
>
> *In relation to subsequent years we do not believe that the requirements of the incentive scheme have been adequately completed to enable payment. Either KPIs were not set or not appropriately measured and assessed. In addition the financial state of the company mitigates against payments of this kind.*
>
> *I am sorry this has taken so long to resolve. Hopefully we can put this chapter behind us and we can move forward in building the new Air Malta*."

Dok AM2 a' fol 329 turi ittra identika iżda indirizzata lill-Angelo Sciberras u datata 25 ta' April 2012.

Fix-xhieda tiegħu s-Sur Joshua Zammit jgħid li ittra bħal din suppost intbgħatet lil kull min kien eliġibbli għal performance bonus (ara xhieda a' fol 342). Fl-istess xhieda però Joshua Zammit ma jiftakarx jew tali ittra intbgħatitx bil-posta ordinarja jew posta reġistrata jew tramite xi laqgħa (ara xhieda a' fol 345). Joshua Zammit lanqas ma setgħa jiftakar intbgħatux ittri oħrajn simili rigwardanti performance bonus għal perjodi sussegwenti dak indikat fl-ittra (ara xhieda a' fol 343).

Ġiet preżentata wkoll ittra datata 1 ta' Ottubru 2012, indirizzata lil ċertu "*Steve Camilleri Head of Crew Resources*" (a' fol 351). Kif hemm dikjarat, din l-Ittra tiddeskrivi l-qafas użat mis-Soċjetá konvenuta b'rabta ma' programm bl-isem short term incentive programme (STIP) ("*This letter outlines the framework used by the Company in connection to STIP for the financial year 2013*"). Din l-ittra tħabbar li l-pożizzjoni ta' dan Steve Camilleri bħala Head of Crew Resourses

jikkwalifikaħ biex jipparteċipa f' dan il-programm STIP *("Your position qualifies you to participate in this STIP")*. L-istess ittra tispeċifika li "*This programme replaces all previous bonus schemes adopted by the Company and by accepting to participate in this programme you will be confirming that you have no outstanding claims or pretensions whatsoever with regards to previous bonus systems or schemes adopted by the Company.*" Din l-ittra tistipula ukoll kundizzjonijiet kif għandha tinħadem il-Performance Pay ta' dan Steve Camilleri. Waħda minn dawn il-klawżoli tistipula li "*In order to qualify for a bonus pay-out and for such pay-out to be made, the overall Company performance level has to reach or exceed the 92% performance level as explained during the training sessions you attended. If the company does not achieve a minimum overall performance level of 92% no bonus pay-out will be made for both Company and individual/personal components referred to above*." Kundizzjoni bħal din qatt ma kienet saret fil-konfront tal-Attur.

Fin-nota li biha ġiet preżentata din l-ittra hemm dikjarat li l-istess ġiet "*mibgħuta lill-esponenti lill-ħaddiema kollha li kienu eliġibbli għal bonus*" (ara fol 350). Madanakollu ma hemm xejn fl-atti li b'xi mod juri li din l-Ittra ġiet mibgħuta lill-Attur.

L-Attur minn naħa tiegħu jinsisti li din il-policy qatt ma ġiet komunikata lilu la bil-miktub u lanqas verbalment (ara k/eżami a' fol 312E). Huwa jgħid li talab diversi drabi għal performance bonus permezz ta' e-mails iżda baqa qatt ma rċieva risposta bil-miktub. Kien jiġi biss verbalment infurmat li dawn qed jinħadmu u biex ma jmurx il-Qorti (k/eżami Attur 312C faċċata 1).

Il-Qorti issa sejra tqis, fl-isfond tal-provi miġjuba mis-soċjetá Konvenuta kif hawn senjalati, jekk din il-policy għandiex torbot lill-Attur bil-mod kif qed tippretendi l-istess s-soċjetá Konvenuta (ara nota a' fol 390 et seq).

Il-Qorti tibda biex tirrileva li, kronoloġikament, ma jista qatt ikun li din il-policy torbot il-ħlas ta' performance bonus għas-sena April 2011 sa Marzu 2012. Dan għaliex l-obbligu ta' dan il-ħlas joħroġ mill-kundizzjonijiet mifthema fl-ittra ta' ħatra tat-12 ta' Awwissu 2009, jiġifieri tlett snin qabel ma din il-policy ġiet deċiża/maħruġa/approvata fis-sena 2012.

Mhux l-istess jingħad għal performance bonus għas-snin April 2013 sa Marzu 2014, April 2014 sa Marzu 2015 u April 2015. Dan peress li dan il-ħlas huwa intitolat skont l-ittra ta' ħatra datata 11 ta' Diċembru 2013 li estendiet "in full force and effect" il-klawżoli pertinenti għal performance related pay stipulati fl-ittra ta' ħatra tat-12 ta' Awwissu 2009. Għaldaqstant, meta sar dan il-ftehim, il-policy kienet diġa deċiża / maħruġa / approvata.

Madanakollu, biex din il-policy tkun tista' torbot lill-Attur fir-rigward ta' dan il-ħlas, mhux biżżejjed li jiġi pruvat li din ġiet komunikata lilu, iżda jrid jiġi pruvat ukoll li din ġiet minnu debitament aċċettata. Giorġio Giorġi jispjega li "*Il consenso.....si defisce, la manifestazione reciproca dell-accordo deliberato e risoluto di due persone, all-oggetto di obligare l'una verso l'altra, ovvero di obbligarsi una o alcune soltanto verso l-'altra o l'altre, che accettano senza assumere veruna obbigazione correspetiva.*" (Giorgio Giorgi, Delle Obligazione Voll III pg. 138).

Dan ifisser illi l-aċċettazzjoni trid tkun waħda deliberata u reżoluta. Trid tkun minn żewġ naħat. Lill-Qorti minn imkien ma jirrisultalha, anke kieku stess inbagħtet l-ittra, li l-Attur aċċetta b'mod deliberat u riżolut tibdil fil-kuntratt ta' impieg tiegħu. Dan ifisser li din il-policy ma tista qatt titqies bħala att bilaterali, jiġifieri bejn tnejn minn nies jew iżjed a tenur tal-artikolu 960 u 961(1) tal-Kap. 16, iżda biss deċiżjoni purament diskrezzjonarja tas-Soċjetá konvenuta fl-assenza totali ta' senjalzzjoni da parti tal-Attur li kien aċċetta il-kontenut tagħha.

Is-Soċjetá konvenuta ma rnexxiliex tipprova li din il-policy ġiet effettivament komunikata lill-Attur, verbalment jew mod ieħor, wisq iżjed li din il-policy ġiet aċċettata bilateralment, hekk kif kien jinkombi fuqha li tagħmel a tenur tal-artikolu 562 tal-Kap. 12.

Tabilħaqq l-ittri preżentati, suppost bħala prova ta' komunika, mhux biss ma jservux bħala l-aħjar prova ai termini ta' l-artikolu 559 tal-Kap. 12, iżda lanqas biss jirreferu għal din il-policy (ara a' fol 328 u 251). L-ittra ndirizzata u suppost mibgħuta lill-Attur datata 26 ta' April 2012, apparti li mhux iffirmata u m'għandhiex imniżżel l-indirizz tal-Attur, la tagħmel referenza għall-implimentazzjoni ta' din il-policy ta' 'perfomance management' ġdida u lanqas tiddeskrivi il-kriterji ta' kif tinħadem il-performance bonus taħt din il-policy (ara a' fol 328). Minflok, din l-ittra sempliċiment tiddikjara biss li "*the financial state of the company mitigates against payments of this kind.".*

Fil-waqt li l-ittra l-oħra datata 1 ta' Ottubru 2012 umbagħad, apparti li qas biss inhi indirizzata lill-Attur, ma tittrattax fuq klawżoli ta' kif għandha tinħadem il-Performance Pay taħt din il-policy iżda tittratta fuq klawżoli ta' kif għandha tinħadem il-Performance Pay ta' impjegat (li m'huwiex l-Attur) li ġie kkwalifikat jipparteċipa fi programm bl-isem *Short Term Incentive Programme* (STIP) (a' 351).

L-unika ittra li tagħmel referenza għal din il-policy ta' *performance management* system hija dik datata 18 ta' Diċembru 2013 mibgħuta lill-Attur (a' fol 362). Fiha ġie dikjarat li "*in 2012 the company launched the performance management system. This scheme was launched to cover the financial year ended 31 March 2013, whereby individual and corporate KPIs had been set at the beginning of the financial year*.".

Jirriżulta skont din l-ittra li l-Attur tħallas il-performance bonus abbażi ta' din il-policy ta' performance management system għas-sena finanzjarja 2013, liema sena fil-fatt ma hijiex inkluża fit-talba attriċi għal-ħlas. Hawn ukoll ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-Attur ta l-kunsens tiegħu għall-implimentazzjoni ta' din il-policy.

Joħroġ għalhekk li, fir-rigward ta' dawk is-snin mitluba mill-Attur, jiġifieri April 2008 sa Marzu 2009, April 2010 sa Marzu 2011, April 2011 sa Marzu 2012, April 2013 sa Marzu 2014, April 2014 sa Marzu 2015 u April 2015, ma hemm xejn fl-atti li juri xi forma ta' qbil bejn l-Attur u l-Konvenut biex tiġi implimentata xi policy għal ħlas tal-performance bonus minflok dak stipulat fil-ittri ta' ħatra msemmija. Lanqas biss ma ntwera li ġew fil-fatt stabbiliti KPIs tal-Kumpanija għal dan il-għan.

Ladarba ma jirriżultax li l-Attur aċċetta il-kriterji ta' kif jinħadem il-performance bonus stabbiliti mis-Soċjetá konvenuta permezz ta' din il-Performance Management Policy, l-istess tikkostitwixxi biss deċiżjoni purament diskrezzjonarja u arbitrarja tas-soċjetá Konvenuta.

Ġie tajjeb ritenut li għalkemm "*fil-ħlas tal-bonus, hemm element ta' diskrezzjoni mħolli f'idejn is-soċjetà konvenuta. Madankollu, ladarba l-ħlas tal-bonus kien stipulat fil-ftehim bejn il-partijiet, hemm ukoll rabta kuntrattwali, u l-ħlas għalhekk ma jistax jitħalla fid-diskrezzjoni mhix imxekkla tal-konvenuta. Li ma kienx hekk, l-obbligazzjoni kuntrattwali tkun biss waħda potestativa u ma tiswiex, kif igħid l-art. 1056(1) tal-Kodiċi Ċivili, u interpretazzjoni li tifhem il-patt b'mod li jħalli l-ħlas għal kollox għar-rieda tal-konvenuta tkun interpretazzjoni li tmur kontra dak li jrid l-art. 1004 tal-Kodiċi Ċivili għax tkun tfisser illi l-partijiet ftiehmu fuq patt li ma jiswiex.*

*Ix-xhud Joseph Tabone, li kien chairman fiż-żmien meta l-bonus kien jitħallas, fisser il-metodu li kien jinqeda bih hu biex jagħmel stima tal-prestazzjoni ta' l-attur. Meta nbidlu ċ-chairman u d-diretturi tas-soċjetà, dawk li nħatru flokhom kienu tal-fehma illi ma setgħux jinqdew b'dak il-metodu iżda ma sabux metodu ieħor; riedu minflok illi s-sistema tal-performance bonus jinbidel b'sistema ieħor.*

*Il-performance bonus, iżda, kien meħtieġ b'rabta kuntrattwali li ma setgħetx tinħall jekk mhux bi ftehim tal-partijiet kollha, u l-attur ma tax il-kunsens tiegħu għal bdil fil-ftehim. Is-soċjetà konvenuta għalhekk kienet qiegħda tonqos mill-obbligazzjoni kuntrattwali tagħha meta ma għamlitx dak li kellha tagħmel sabiex jitwettaq il-ftehim.*

*Dan in-nuqqas tal-konvenuta ma għandux ikun ta' ħsara għall-attur u għalhekk, fil-fehma tal-qorti, għandu jitfa' fuq il-konvenuta l-oneru li turi illi ma seħħewx il-kondizzjonijiet għall-ħlas tal-bonus, flok ikun oneru ta' l-attur li juri illi l-kondizzjonijiet seħħew.*

*Il-konvenuta ma għamlitx dik il-prova u għalhekk il-qorti tgħid illi l-bonus għandu jitħallas sħiħ lill-attur bir-rata miftiehma ta' elf lira*

*(Lm1,000) fis-sena mill-1996 sallum, b'kollox għaxart elef lira (Lm10,000). Tassew illi, għal xi snin ta' qabel l-1996, is-soċjetà konvenuta, minn jeddha, kienet ħallset bonus ta' elfejn lira (Lm2,000), iżda dan ma jfissirx illi nbidel il-ftehim illi l-bonus ikun sa elf lira (Lm1,000) u l-qorti għalhekk sejra timxi mal-ftehim tal-partijiet*." (Wilfred Borg vs Air Malta p.l.c., Francis Camilleri vs Airmalta p.l.c. u John Saliba vs Air Malta p.l.c., kollha deċiżi mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2005) (sottolinear ta' din il-Qorti).

Applikat dan l-insenjament għal-każ de quo, li jħaddan prattikament l-istess mertu, il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li, meta ma ħallsitx lill-Attur il-performance bonus mistħoqq lilu, s-Soċjetá konvenuta naqset milli twettaq il-ftehim iffirmat u mfisser bi kliem ċar fit-termini tal-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili fl-ittri ta' ħatra msemmija. B'dan il-mod is-Soċjetá konvenuta marret kontra l-volontá komuni tal-partijiet kif manifestata. Bil-fatt li ma' rrispettatx/onoratx t-termini/l-obbligi kontrattwali tagħha hemm pattwiti, liema obbligi għandhom saħħa ta' liġi a sensu ta' l-Artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili, is-soċjetá Konvenuta marret kontra dak dispost fl-artikolu 1057 u aġixxiet bi vjolazzjoni tal-prinċipju tal-buona fede inkorporat fl-artikolu 993 tal-istess Kodiċi.

Minn dan isegwi, li r-raġuni kif mogħija mis-Soċjetá konvenuta, f'tentattiv biex tissodisfa d-dettami tal-artikolu 2160, m'għandhiex mis-sewwa. Għaldaqstant u b'applikazzjoni tal-istess artikolu, il-preskrizzjoni sollevata minnha ma jistax ikollha effett.

Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetá Konvenuta u tgħaddi biex tilqa' l-ewwel talba Attriċi billi tordna lis-soċjetá Konvenuta tħallas lill-Attur il-"Performance Related Pay" għal dawk is-snin ta' ħidma, skont kif kien stipolat fl-ittri ta' ħatra tat-3 ta' Ottubru 2006, tat-12 ta' Awwissu 2009 u 3 ta' Ottubru 2006.

Permezz tal-prospett preżentat a' fol 227 u n-nota a' fol 374 paragrafi 20 u 21, l-Attur jissottometti li għandu jieħu l-massimu li seta jieħu skont il-kuntratt għal-dawk is-snin ta' ħidma imsemmija. Dan "*stante illi l-ebda 'assessment' ma sarlu għas-snin li fih ma tħallasx il-bonus, (nuqqas tas-soċjetá intimata*)". Huwa jsejjes din is-sottomissjoni in linea ma dak rakkomandat mill-Bord tar-Reviżjoni f'ċirkostanzi prettament identiċi fil-każ ta' ċertu Angelo Sciberras (a' fol 286) u Arthur Grima (a' fol 292).

Din il-Qorti kif diversament presjeduta ukoll ħadet din il-linea fil-kawżi kontra s-soċjetá konvenuta ċitati supra (Wilfred Borg vs Air Malta p.l.c., Francis Camilleri vs Airmalta p.l.c. u John Saliba vs Air Malta p.l.c.). Dan fuq l-istess raġuni li, bil-fatt li ma stabbilitx il-KPIs skont il-ftehim, s-soċjetá Konvenuta naqset milli tissodisfa "*l-oneru li turi li ma seħħewx il-Kondizzjonijiet għall-ħlas tal-bonus".*

Il-Qorti madanakollu tara, li għandha tikkunsidra il-fatt li, kieku ġew effettivament stabbiliti l-KPIs mis-soċjetá Konvenuta, l-Attur ma kienx

sejjer realment jitħallas il-massimu. Il-Qorti tqis għalhekk, li għandha tieħu dan in konsiderazzjoni billi tikkalkula l-ammont ta' performance bonus dovut għas-snin ta' ħidma in kwistjoni fuq il-medja tat-targets indikati fit-tabella tal-klawżola 4.0 tal-ittra ta' ħatra datata 12 ta' Awwissu 2009 li hija €6,975.40.

Jekk wieħed iqis dan l-ammont ta' €6,975.40 għas-snin ta' ħidma April 2008 sa Marzu 2009, April 2010 sa Marzu 2011, April 2011 sa Marzu 2012, April 2013 sa Marzu 2014, April 2014 sa Marzu 2015 u €5,231.55 pro rata għax-xhur ta' bejn April 2015 sa Diċembru 2015, jasal għas-somma ta' erbgħin elf, mija u tmien u punt ħamsa u ħamsin ewro (€40,108.55).

<u>It-taxxa mnaqqsa nġustament għall-perjodu April 2012 sa Marzu 2013 fl-ammont ta' €1615</u>

Joħroġ ċar mill-atti li fuq dan l-ammont ma hemm l-ebda kontestazzjoni. Is-soċjetá Konvenuta stess, kif rappreżentata minn Roberto Cristiano, iddikjarat li dan l-ammont huwa dovut billi "l-kuntratt hekk kien jitlob". Dan tant li offriet ukoll tħallas lill-Attur din is-somma, għalkemm taħt kundizzjoni li jirrinunzja għal ħlas ta' performance bonus dovut lilu (ara xhieda a' fol 57, ara ittra datata 17 ta' Jannar 2017 a' fol 24, k/eżami Attur a' fol 312 D)."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà konvenuta Air Malta plc, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tilqa' l-appell tagħha u dan billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha, salv għall-ħlas ta' pagament ta' €1,616 mitlub fl-ewwel talba tar-rikorrenti, liema ammont mhux kontestat. Bl-ispejjeż kontra l-appellat.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-attur appellat Edwin Caruana, li permezz tagħha talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-aggravji tas-soċjetà appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellanti.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta’ din il-kawża, fil-kuntest ta’ kuntratt ta’ impjieg, l-attur qiegħed ifittex għall-ħlas ta’ *performance bonus* għas-snin April 2008 sa Marzu 2009, April 2010 sa Marzu 2011, April 2011 sa Marzu 2012, April 2013 sa Marzu 2014, April 2014 sa Marzu 2015 u April 2015 sa Diċembru 2015, kif ukoll għall-ħlas ta’ taxxa mnaqqsa għall-perjodu April 2012 sa Marzu 2013 fl-ammont ta' €1615. Kwindi l-attur jitlob il-likwidazzjoni u l-kundanna tal-ħlas tal-ammont dovut lilu, flimkien mal-imgħax skont il-liġi u l-ħlas tal-ispejjeż kollha.

10. Is-soċjetà konvenuta ressqet numru ta’ eċċezzjonijiet, fosthom li t-talbiet tal-attur huma preskritti skont l-Artikolu 2156(d) u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, mentri fil-mertu, l-azzjoni attriċi għandha tiġi respinta u li t-talbiet

tal-attur huma nfondati peress li l-ebda ħlas ma huwa dovut lill-attur. Bl-ispejjeż kontra l-attur.

11. L-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta, laqgħet it-talbiet kollha tal-attur u filwaqt li ddikjarat li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lill-attur il-*Performance Related Pay* għall-perjodi ta' żmien kif mitluba minnu, kif ukoll għat-taxxa mnaqqsa nġustament, illikwidat l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta' €40,108.55 bħala *Performance Related Pay,* kif ukoll is-somma ta' €1615 bħala ħlas ta' taxxa mnaqqsa nġustament. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

12. Is-soċjetà konvenuta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-appell tas-soċjetà konvenuta jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali jiġifieri: (i) l-apprezzament żbaljat tal-provi u (ii) l-applikazzjoni skorretta tal-liġi da parti tal-Ewwel Qorti dwar il-preskrizzjoni.

13. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, għandu raġun l-attur appellat meta fir-risposta tal-appell tiegħu, jinnota li sa fejn l-appell tas-soċjetà konvenuta fl-ewwel aggravju tagħha, jissejjes fuq l-apprezzament tal-provi, din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba b'mod leġġer l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti. Min-naħa l-oħra, kif ingħad fis-sentenza ta'

din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et:**

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*"

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jeħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli għall-każ odjern.

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mas-soċjetà appellanti meta jingħad minnha li l-Ewwel Qorti naqset milli tidħol fid-dettal ta' fatti kruċjali rilevati mill-provi mressqa minnha fl-atti. Wara li din il-Qorti rat mill-ġdid il-provi fl-atti, tista' tikkonferma li l-Ewwel Qorti tat taqsira konċiża tal-provi meta waslet sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha. Effettivament, l-Ewwel Qorti għamlet referenza diversi drabi għax-xhieda ta' Roberto Cristiano u għad-dokumenti ppreżentati minnu, sabiex isostni l-argument tas-soċjetà appellanti fis-sens li kien hemm *policy* li tiddetta d-deċiżjoni tagħha li ma jingħatawx *performance bonuses,* marbuta mal-fatt li s-soċjetà appellanti ma kinitx laħqet il-miri finanzjarji tagħha. L-Ewwel Qorti qieset kemm il-prova magħmula

permezz tal-minuti ta' laqgħa tal-Bord tad-Diretturi li saret fit-22 ta' Settembru 2016 (a fol. 234), kif ukoll diversi *power point presentations,* apparti numru ta' xhieda oħra mressqa mill-istess soċjetà appellanti, fosthom ta' Omar Bonello u Joshua Zammit.

15. Madankollu l-argument ineċċepibbli tal-Ewwel Qorti jibqa' li, fl-ewwel lok *policy* tal-kumpanija li permezz tagħha jidher li ddaħħal il-kunċett b'effett mis-sena finanzjarja 2013 li l-ħlas tal-*Performance Management Bonus* huwa marbut kemm mal-prestazzjoni tal-individwu, kif ukoll mal-*Company Performance,* ma seta' qatt jorbot b'mod retroattiv il-ħlasijiet ta' *Performance Bonus* li setgħu kienu dovuti lill-impjegati skont il-kuntratt tal-impieg tagħhom għas-snin preċedenti. Dan jingħad b'referenza għall-pretensjonijiet tal-attur appellat għas-snin 2008/2009, 2010/2011 u 2011/2012. Inoltre, minkejja li s-soċjetà appellanti tisħaq li hija għarrfet lill-ħaddiema tagħha kollha dwar id-dħul tal-*Performance Manangement Policy,* wara l-2013, jibqa' l-fatt li r-relazzjoni bejn il-kontendenti fil-kawża kienet regolata minn kuntratt ta' impieg li jikkostitwixxi rabta kuntrattwali.

16. Dan iwassal għall-applikabbilità tal-prinċipji esposti mill-Ewwel Qorti fis-sens li l-kuntratt hu liġi għall-partijiet li jagħmluh u li l-kuntratt għandu jiġi eżegwit bil-bona fidi (Artikoli 992(1) u 993 tal-Kodiċi Ċivili). Taħt l-ewwel prinċipju hemm inkluż ukoll fih il-prinċipju li patt miftiehem fi

skrittura ma jistax jiġi varjat b'volontà unilaterali ta' parti waħda mill-kontraenti. (Ara b'eżempju sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-1 ta' Diċembru, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **David Borg v. W.V.S. (Marketing) Limited**). Wara kollox, f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' minn rajha taqbad u tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti oħra. B'hekk, minkejja d-diskrezzjoni tas-soċjetà appellanti dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-*policies,* jibqa' l-fatt li, ġaladarba jirriżulta mill-kuntratt ta' impieg pattwit bejn il-kontendenti fil-kawża li kien hemm maħsub il-ħlas ta' *bonus*, dan jikkostitwixxi parti mir-rabta kuntrattwali u għalhekk id-diskrezzjoni tas-soċjetà appellanti mhix waħda assoluta. Jekk kemm-il darba tirriżulta obbligazzjoni da parti tas-soċjetà appellanti li tħallas *bonus,* id-diffikultajiet finanzjarji tas-soċjetà appellanti ma jeħilsuhiex mill-obbligazzjoni li tħallas dak minnha pattwit (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward).

17. In kwantu s-soċjetà appellanti tittanta tixħet dubju fuq id-dritt tal-attur li jesiġi l-ħlas ta' *performance bonus* skont il-kuntratt ta' impieg, jiġi osservat li mill-istess dokumenti esebiti mis-soċjetà appellanti jirriżulta li l-attur kien impjegat bħala *Country Manager* għall-Italja b'effett mis-26 ta' Settembru, 2006, permezz ta' kuntratt tat-3 ta' Ottubru, 2006 (ara Dok. A mar-rikors promotur u RC1 a fol. 60). Dan il-kuntratt (li kien validu għal tliet snin) kien jipprovdi għal *Performance Related Pay,* kif debitament ikkwotat mill-Ewwel Qorti. Dan il-kuntratt kien estiż għal terminu ieħor ta'

tliet snin sal-24 ta' Settembru, 2012, permezz ta' ittra datata 12 ta' Awwissu, 2009, b'dan illi l-klawsola marbuta mal-*Performance Related Pay* kienet emendata, kif osservat mill-Ewwel Qorti (ara Dok. B a fol. 12 u RC3 a fol. 62). Għal darb'oħra, l-attur ingħata estensjoni tal-kuntratt, din id-darba għal sena permezz ta' ittra datata 22 ta' Novembru, 2012 (ara Dok C a fol. 15 u Dok. RC 5 a fol. 65) sal-aħħar tas-sena 2013. F'din l-ittra jingħad *"All other clauses in the above mentioned contract* (jiġifieri dak oriġinali tat-3 ta' Ottubru, 2006) *are to remain in full force and effect."* Minkejja din l-aħħar ittra, l-kontendenti fil-kawża daħlu f'kuntratt ta' impieg ieħor datat l-1 ta' Jannar, 2013 (ara Dok. RC 6 a fol. 66).

18. Huwa minnu li l-dan l-aħħar kuntratt kien jipprovdi s-segwenti taħt it-tielet klawsola bit-titolu ta' "*Remuneration"*:

> "*For all services rendered by the Employee under this Agreement, the Employer shall pay the Employee who accepts the salary and benefits as indiated in the attached schedule marked "Document A" which schedule forms an integral part of this agreement.*
>
> *For avoidance of doubt it is stipulated that the remunerative structure agreed above is full and sufficient compensation to the Employee for any and all hours worked in the proper fulfillment of his/her duties and the Employee waives any claim in connection therewith.*
>
> *The salary and other wage related terms shall be reviewed annually by the Employer in its absolute discretion taking into account the state of the business, external circumstances and the performance of the Employee."*

Din il-klawsola fil-kuntratt ta' impieg pattwit bejn il-kontendenti fil-kawża, għall-ewwel darba, daħħlet il-kunċett ta' "*state of the business, external circumstances and the performance of the employee"* fl-użu tad-

diskrezzjoni tagħha fir-reviżjoni tal-paga u ħlasijiet oħra dovuti lill-impjegati (aktarx sabiex tirrifletti l-pożizzjoni adottata mill-Bord tad-Diretturi kunsidrat l-istat finanzjarju tal-kumpanija). Madankollu, flimkien ma' dan il-kuntratt u bħala parti mill-istess kuntratt, kien hemm anness id-dokument "A" li fih jiġu trattati s-salarju u l-benefiċċji marbuta mal-pożizzjoni tal-attur. Issa apparti s-salarju u l-*allowances* hemm imsemmija bħal *duty allowance,* u *expatriate allowance,* hemm klawsola oħra jiġifieri dik fejn jingħad li: "*All other terms and conditions pertaining to your current contract dated 3rd October, 2006, will remain unchanged...".* Hekk ukoll, fl-ittra datata 11 ta' Diċembru, 2013,(Dok. RC8 a fol.72) imsejħa *"Addendum to the Contract",* li bih l-aħħar kuntratt ġie estiż sal-aħħar ta' Diċembru, 2015, jingħad li "*All other clauses in the above mentioned contract are to remain in full force and in effect."*

19. Dan iġibna għal prinċipju ieħor importanti applikabbli għall-każ tal-lum, imsemmi wkoll fil-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Qorti, li huwa dak maħsub taħt l-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili, fis-sens li meta l-kliem ta' ftehim huwa ċar, m'hemmx lok għall-interpretazzjoni (ara **Nicholas Baldacchino v. Bureau Veritas (Malta)** deċiża minn din il-Qorti, fl-14 ta' Diċembru, 2018 u **Dr. Raymond Pace nomine v. Salvatore Xuereb et** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Marzu, 2010). Mentri fl-Artikolu 1003 jingħad illi: *"Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha*

*flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partjiet"* (Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Dicembru 1995, fl-ismijiet **Stanislao Cassar v. Chev Antonio Cassar** Kollez. Vol: LXXIX.ii.704). M'hemmx dubju wkoll li *"l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jagħmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti għandhom ikunu interpretati in bona fede"* (Ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April 1987, fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Mifsud v. Joseph Spiteri et**).

20. Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imma hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jgħodd. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 1997, fil-kawża fl-ismijiet **John Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe**). Mentri, kif ingħad aktar reċentement, huwa aċċettat li meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux fissru rwieħhom b'mod ċar, jew meta l-ħwejjeġ imsemmija jistgħu jfissru aktar minn ħaġa waħda, jew jekk wara li jkun sar il-kuntratt tinbet xi ħaġa li l-partijiet ma kinux ħasbu għaliha u nqalgħet kwistjoni dwarha, il-Qorti trid tidħol biex tfisser il-ftehim milħuq u li dan tagħmlu billi tqis x'kienet il-fehma tal-partijiet dakinhar li laħqu l-ftehim u kif din il-fehma toħroġ mill-qafas taċ-ċirkostanzi li nisslu dak il-kuntratt. Il-liġi fiha sensiela ta' dispożizzjonijiet li jfasslu regoli, mhux assoluti, maħsuba biex jgħinu u jmexxu lill-Qrati dwar it-tifsir xieraq ta'

kuntratti meta jinqala' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq daqshekk. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Marika Mizzi v. Dr. Joseph Muscat et**).

21. Meta din il-Qorti tapplika dawn il-kriterji għall-każ in eżami, ssib li għalkemm tabilħaqq huwa minnu li l-aħħar kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2013, u l-*Addendum* tal-11 ta' Diċembru, 2013, ma jsemmux il-ħlas ta' *Performance Related Pay,* kif kienu jissemmew fil-kuntratti preċedenti, (u fil-fatt fil-kuntratt oriġinali kienu jissemmew diversi vantaġġi u benefiċċji oħra favur l-impjegat bħal *Educational fees* u *Medical Insurance* fost affarijiet oħra) jibqa' l-fatt li hemm din il-klawsola *"All other terms and conditions pertaining to your current contract dated 3rd October, 2006, will remain unchanged...".* Il-fehma ta' din il-Qorti dwar din il-klawsola hija li dawn il-benefiċċji li ssemmew fil-kuntratt oriġinali baqgħu applikabbli kemm fil-kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2013, kif ukoll fl-estensjoni sussegwenti. Dan jingħad ukoll peress li, meta l-partijiet riedu jeskludu xi ħaġa, dan ingħad espressament. Hekk per eżempju, fl-*Addendum* tal-11 ta' Diċembru, 2013, jingħad: *"4. The following clause in Document A will be removed from the contract of employment. 'The company will pay a relocation cost, on relocation to Malta, of €5000 as a one off payment to cater for the relocation expenses that the employee will incur.'"* Fin-nuqqas ta' klawsola li teskludi espressament il-ftehim ta' *Performance*

*Related Pay* pattwit bejn il-kontendenti fil-kawża, din il-Qorti tagħti raġun lill-attur appellat fl-interpretazzjoni tal-kuntratt ta' impieg taħt eżami.

22. Din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija mis-soċjetà appellanti li l-kuntratt tal-1 ta' Jannar, 2013, hija relazzjoni kuntrattwali ġdida, ġaladarba kif rajna hija konsegwenti għar-relazzjoni t'impieg anteċedenti, tant li dan l-aħħar kuntratt jagħmel referenza għall-applikabilità tat-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt tat-3 ta' Ottubru, 2006. Lanqas taqbel mal-appellanti li s-sentenza *"All other terms and conditions pertaining to your current contract dated 3rd October, 2006, will remain unchanged.."* tirreferi esklussivament għal *expatriate allowance.* Tant hu hekk li, fil-klawsoli sussegwenti fil-kuntratt tas-sena 2013, hemm provvedimenti relattivi għall-ispejjeż marbuta mal-ħlas tal-*mobile, internet u relocation costs.* Inoltre, il-fatt li numru ta' klawsoli fil-kuntratt tat-3 ta' Ottubru, 2006, ġew sostitwiti b'klawsoli ġodda permezz tal-ittra tat-12 ta' Awwissu, 2009, inkluż dik dwar il-*Performance Related Pay,* ma jfissirx li din il-klawsola ġiet fix-xejn, kif tittanta targumenta l-appellanti. Isegwi li din il-Qorti ma tqisx validu l-argument tal-appellanti li l-appellat ma kellux dritt jippretendi ħlas ta' *performance bonus ex contractu* wara l-2013 jew li b'effett mill-2012 bdiet tapplika l-*policy* tal-kumpanija, li dan jitħallas biss f'każ li l-kumpanija tilħaq il-miri finanzjarji tagħha, peress li dan ma jirriżultax pattwit bejn il-kontendenti fil-kawża.

23. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, l-pretensjonijiet ta' ħlas tal-attur appellat relattivi għall-ħlas tal-*Performance Related Pay*, huma marbuta mal-perjodu li huwa baqa' fl-istess kariga ta' *Country Manager – Italy* u dan sal-aħħar tas-sena 2015 (ara Dok. A1 a fol. 206, kif ukoll dak a fol. 228) u mhux għal meta ġie rilokat lura hawn Malta. F'kull każ, jiġi ribadit li lil hinn mill-fatt dwar il-prova li l-*policy* adottata mis-soċjetà konvenuta ġiet effettivament komunikata lill-attur, jibqa' l-fatt li l-obbligazzjonijiet miftehma fil-kuntratt ta' impieg, li jixhed obbligazzjonijiet ta' natura bilaterali, ma setgħux jinbidlu b'mod unilaterali. Isegwi li din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti u għalhekk l-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti ser jiġi miċħud.

24. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak dwar l-applikazzjoni skorretta tal-liġi. Dan jingħad b'referenza għall-fatt li meta l-Ewwel Qorti qieset l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili, mressqa mis-soċjetà konvenuta appellanti, qieset ukoll l-Artikolu 2160 li ġie introdott bl-Att numru I tas-sena 2017, approvat mill-Parlament fis-seduta numru 466 tad-9 ta' Jannar, 2017, u li f'dan l-att ma kienx hemm indikat li għandu jidħol fis-seħħ b'mod retroattiv. Għalhekk is-soċjetà appellanti tisħaq li l-pretensjonijiet tal-attur huma preskritti skont l-Artikolu 2156 u li dan l-Artikolu tal-liġi (Artikolu 2160) ma seta' qatt jiġi applikat għall-każ odjern.

25. Jibda billi jiġi ppreċiżat illi dwar l-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l-emendi li saru fir-rigward, kemm bis-saħħa tal-Att I tal-2017, kif ukoll bl-Att VIII tal-2017, daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017 u fl-24 ta' Frar, 2017, rispettivament. Din il-Qorti tasal li taqbel mal-appellanti li l-emendi li jolqtu l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, m'għandhomx japplikaw għall-każ fejn l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni jkunu ġa validament imressqa, qabel ma daħal fis-seħħ l-Artikolu 2160 kif emendat fl-2017. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Sergio Manche v. Carmel Grech** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2018, **Semago Trading Company Limited v. The Stork Enterprises Company Limited** deċiża fis-26 ta' Novembru, 2020 u dik aktar reċenti ta' **Anthony Pandolfino v. Automated Revenue Management Services Limited** fis-26 ta' Ottubru, 2022.) Madankollu, f'dan il-każ l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tressqet mis-soċjetà konvenuta appellanti fis-27 ta' April, 2017, jiġifieri ferm wara li daħlu fis-seħħ l-emendi tal-liġi in kwistjoni.

26. Tajjeb jingħad li, meta l-leġislatur ma jipprovdix mod ieħor, il-preżunzjoni hija li l-liġi tidħol fis-seħħ minnufih, u jibqa' relevanti dak li ngħad minn din il-Qorti fis-sentenza **Manche v. Grech**, imsemmija hawn qabel, fis-sens li:

> "Huwa minnu li l-kawża għadha ma nqatgħetx, u illi liġijiet proċedurali japplikaw minnufih, ukoll għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda għal-liġi proċedurali iżda jkunu għadhom pendenti, iżda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi ġà miksuba, bħal ma hu l-ħelsien minn dejn li jkun ġà nkiseb meta l-liġi l-ġdida tidħol fis-seħħ.

> Fil-każ tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eċċezzjoni relativa, l-eċċezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara".

Kwindi jeħtieġ li jiġi mistħarreġ jekk l-azzjoni tal-attur fil-każ in eżami laħqetx waqgħet bil-preskrizzjoni qabel ma tressqet l-eċċezzjoni relattiva.

27. Filwaqt li huwa minnu li wħud mill-pretensjonijiet tal-attur imorru lura għas-sena 2008 (ara Dok. A1 a fol. 206) madankollu, skont l-korrispondenza esebita fl-atti jirriżulta li l-*Grievances Unit* imwaqqaf mill-Gvern fl-2014, kien qiegħed jilqa' ilmenti li kienu jmorru lura sa seba' snin qabel (ara Dok. RCX 2 a fol. 238). Fid-19 ta' Settembru, 2016, is-soċjetà konvenuta għarrfet lill-attur li dwar l-ilment tiegħu, l-*Grievances Unit* irrakkomanda lill-kumpanija sabiex tagħmel il-verifiki meħtieġa sabiex ma jkunx hemm anomaliji (ara fol. 80). Filwaqt li fis-27 ta' Diċembru, 2016, is-soċjetà konvenuta appellanti ħarġet ittra lill-attur fejn stidnitu jattendi laqgħa sabiex jiddiskutu l-kumpens għall-ilment tiegħu (ara fol. 81). Jirriżulta ppruvat ukoll li, s-soċjetà konvenuta appellanti offriet kumpens lill-attur ta' €1,615 marbuta ma' parti mill-ilmenti tiegħu, iżda dan bil-kundizzjoni li jirrinunzja għall-bqija tal-pretensjonijiet tiegħu (ara Dok. H a fol. 24). Dan huwa assodat ukoll mill-fatt li, fil-mori tal-proċeduri s-soċjetà konvenuta aċċettat li l-ħlas ta' €1,615 rappreżentanti taxxa mnaqqsa indebitament, hija dovuta lill-attur appellat. Fir-rigward tal-kwistjoni ta' anomaliji, jiġi nnutat ukoll li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, kien hemm ukoll żewġ każijiet simili għal dak tal-attur fejn is-soċjetà konvenuta ġiet

mogħtija direzzjoni mill-Bord ta' Reviżjoni, sabiex tiġi indirizzata l-inkorrettezza amministrativa dwar il-ħlas ta' *Performance Bonus* fil-konfront ta' żewġ *Country Managers* oħra (ara Dok. RCX1 fol. 286 u Dok. RCX2 a fol. 291 sa 293). Dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, jagħti raġun lill-attur appellat li seħħet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

28. Huwa magħruf li l-preskrizzjoni tista' titwaqqa' mhux biss bil-ġurament deċiżorju, iżda wkoll billi wieħed juri illi għal xi motiv legali, dik il-preskrizzjoni eċċepita mhijiex ammissibbli, jew li kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha" (ara sentenzi Kollez. Vol. XXX. I.998; Vol XXXVII.II.626). L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tirriżulta jekk issir il-prova tal-preżentata u n-notifika ta` att ġudizzjarju kontra d-debitur (ara l-Artikolu 2128 tal-Kap. 16). Inkella ssir il-prova li bl-imġieba tiegħu, id-debitur iqiegħed lilu nnifsu ġo sitwazzjoni billi jagħraf il-jedd tal-kreditur, b'xi mod li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-bażi tal-preskrizzjoni. F' dan ir-rigward huwa rilevanti dak li osservat din il-Qorti fil-kawża **Anthony Guillaumier v. Joseph Cassar Aveta,** deċiża fid-9 ta' Diċembru, 1998 (Kollez. Vol.LXXXII.II.1448), fis-sens li trattattivi bi skop ta' transazzjoni jinterrompu l-preskrizzjoni u jagħtu fondament għar-rinunzja taċita tal-istess "*reggiandosi negli effetti la rinunzia alla prescrizione alla ricognizione, sia pure tacita, del proprio debito sull fondamento che il debitore quando si presta alle trattative, riconosce la sussistenza delle*

*pretese e fa' abbastanza perche' il precetto [tal-ligi] sia sodisfatto* (Vol.XXIV, pt. II, p.589)."

29. Fil-fehma ta' din il-Qorti, s-soċjetà appellanti hekk għamlet, meta fis-sena qabel ma kienet intavolata l-kawża odjerna kienet qiegħda titratta l-każ tal-attur, fost impjegati oħra, b'negozjati għall-fini li jiġu indirizzati l-ilmenti relattivi u saħansitra sa ftit xhur qabel ma nfetħet il-kawża odjerna, offrietlu ħlas ta' ammont ta' flus bil-kundizzjoni li jirrinunzja għall-bqija tal-pretensjonijiet tiegħu, liema offerta ma ġietx aċċettata mill-attur appellat. Din il-kundizzjoni tixhed kemm l-Air Malta nnfisha kienet għarfet li l-attur kellu għalfejn jibqa' jippretendi l-ħlasijiet dovuti lilu taħt il-kuntratt. Kwindi bl-imġieba tas-soċjetà konvenuta, l-preskrizzjoni nvokata minnha ġiet interrotta, peress li l-aġir tagħha huwa nkompatibbli mal-pożizzjoni ġuridika nvokata minnha fil-proċeduri odjerni. Isegwi li, lil hinn mill-applikabbilità tal-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, kif emendat, lanqas dan it-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanti ma jista' jirnexxi, peress li l-preskrizzjoni nvokata mill-appellanti ma kinitx tolqot jedd sostantiv miksub minnha (il-ħelsien mill-ħlas ta' dejn) meta l-liġi l-ġdida daħlet fis-seħħ u għalhekk l-appell ser jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mis-soċjetà konvenuta appellanti billi tiċħad l-istess u tikkonferma għal

kollox s-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta’ Diċembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess soċjetà konvenuta appellanti.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da